

31999D0008

9.1.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 5/1

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-31 ta' Diċembru 1998****li jaddotta l-Istatuti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju**

(1999/8/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153 tat-Trattat,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi b'mod konformi ma' l-Artikolu 109ċ(2) tat-Trattat Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jkun mwaqqaf fil-bidu tat-tielet stadju;

Billi l-Kunsill adotta fil-21 ta' Diċembru 1998 Deċiżjoni fuq il-komposizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju ⁽¹⁾;

Tfakkar li fis-16 ta' Ġunju 1997 il-Kunsill Ewropew addotta resoluzzjoni fuq it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' rata tal-kambju fit-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja ⁽²⁾;

Tfakkar li fid-13 ta' Diċembru 1997 il-Kunsill Ewropew addotta risoluzzjoni fuq il-politika ta' ko-ordinament ekonomiku fit-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja u fuq l-Artikolu 109 u 109b tat-Trattat ⁽³⁾;

Tfakkar li, f'dawn ir-risoluzzjonijiet, ċertu rwol maħsub għall-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju;

Billi, għalhekk, l-Istatuti għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandhom ikunu addottati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Istatuti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju huma hawnhekk addottati.

It-Test ta' l-Istatuti huma stabiliti ma' l-Anness t'hawnhekk.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Hi għandu jkollha effett mill-1 ta' Jannar 1999.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

R. EDLINGER

⁽¹⁾ ĠU L 358, tal-31.12.1998, p. 109.

⁽²⁾ ĠU C 236, tat-2.8.1997, p. 5.

⁽³⁾ ĠU C 35, tat-2.2.1998, p. 1.